## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju, 2019**

**Rikors nru: 526/2010 MLF**

**Carmel Farrugia esercitanti l-kummerc bid-ditta Farrugia Woodworks**

**vs**

**David Falzon u Iris Falzon**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Carmel Farrugia esercitanti l-kummerc bid-ditta Farrugia Woodworks li permezz tieghu talab li l-konvenuti David Falzon u Iris Falzon, jigu ikkundannati li jhallsuh s-somma ta' tlett elef disa' mija disgha u hamsin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€3,959.85), rapprezentanti ammont li ghadu dovut fuq materjal u xoghol ta' injam maghmul fuq struzzjonijiet tal-konvenuti u lilhom konsenjat, u liema ammont jikkomprendi wkoll it-taxxa ghal valur mizjud, kif jirrizulta mill-prospett anness mall-istess rikors promotur.

Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talba attrici fl-ammont kif dedott hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont realment dovut huwa ta’ mitejn u tnejn u sittin Euro u erba’ centezmi (€ 262.04), liema somma giet depozitata permezz ta’ cedola ta’ depozitu ipprezentata kontestwalment ma’ din ir-risposta,[1] sabiex tigi liberament zbankata mir-rikorrent ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu.

2. Illi in rigward tal-ammont reklamat fir-rikors promotur, tali ammont huwa addirittura izjed minn dak li kien gie reklamat precedentement mill-attur fl-ittri interpellatorji minnu spediti qabel il-ftuh tal-kawza[2].

3. Illi in realta’ l-ammont bilancjali dovut mir-rispondenti lill-attur kien ta’ elf, tlett mija u Euro (€1,301.00), liema somma giet diga’ offruta permezz ta’ cekkijiet lilu spediti[3], u liema ammont bilancjali kien dovut skond l-istatement li gie anness mal-istess risposta[4]. Fil-prezent l-ammont li gie depozitat taht l-awtorita` tal-Qorti gie ridott ghas-somma ta’ mitejn u tnejn u sittin Euro u erba` centezmi (€262.04) in vista tal-kontro-talba li qed issir mill-istess rispondenti.

4. Illi b’referenza ghall-prospett prezentat mill-attur mar-rikors promutur, jigi rilevat illi l-prezz pattwit ghall-appalt kollu originarjament kien jammonta ghal €12,112.74[5] li pero` gie ridott ghal €8,106.22 (VAT inkluza) wara li tnaqqsu xi aperturi li l-konvenuti kienu irtiraw u ohrajn li l-attur ma hadimhomx, liema prezz jinkludi wkoll il-VAT, u s-somma bilancjali dovuta hija ta’ €1,301 tirrizulta skond l-istatement anness mar-risposta.[6]

[1] A fol. 14 tal-process immarkata bhala Dok ‘A’.
[2] A fol. 15 u 16 tal-process immarkati bhala Dok ‘B’ u ‘C’, rispettivament.
[3] *Ibid.*
[4] A fol. 17 tal-process immarkat bhala Dok ‘D’.
[5] A fol. 18 tal-process immarkat bhala Dok ‘E’.
[6] A fol. 17 tal-process immarkat bhala Dok ‘D’.

Ghaldaqstant assolutament mhux minnu illi l-prezz pattwit kien ta’ €8,478.92 flimkien ma’ €1,526.21 VAT ghal-total ta’ €10,005.13.

5. Illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 406, il-prezz pattwit inkluz f’kaz ta’ provvista ta’ appalt jinkludi t-taxxa tal-VAT, u tali taxxa ma tistax tigi mitluba oltre l-prezz pattwit, u effettivament il-prezz pattwit bejn il-partijiet kien jinkludi wkoll it-taxxa tal-VAT, li issa r-rikorrent qed jirreklamaha addizzjonalment ghall-prezz pattwit, liema talba hija kjarament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

6. Illi wara li kien lesta x-xoghol l-attur ippretenda li jzid il-prezz pattwit billi qal li kien hemm xi spejjez addizzjonali, rapprezentanti oggetti minnu mixtrija sabiex ikun jista’ jezegwixxi dan l-appalt, u fil-lista’ ta’ dawn l-oggetti addizzjonali inkluda somma addizjonali ghall-vernic, xi haga illi ma kinitx skond il-pattijiet u li kjarament ma setax jaghmel ghaliex ovvjament il-prezz pattwit kien jinkludi wkoll kemm l-injam u kif ukoll il-vernic.

7. Illi ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi akkolta limitatament ghas-somma ta’ mitejn u tnejn u sittin Euro u erba’ centezmi (€ 262.04), liema somma giet iddepozitata taht l-awtorta ta’ din l-Qorti kontestwalment ma’ din ir-risposta, u ghandha ghall-bqija tigi michuda u respinta, u l-ispejjez kollha, ghar-ragunijiet fuq imfissra u cioe l-offerti tal-hlas illi saru mir-rispondenti qabel il-ftuh ta’ dawn il-proceduri u d-depozitu kontestwali ghandhom jigu akkollati kollha lir-rikorrent.

8. Illi l-esponenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom minn din il-procedura sabiex iressqu ‘l quddiem il-kontro-talbiet taghhom.

Rat it-talba rikonvenzjonali (kontro-talba)[7] ta’ David Falzon u Iris Falzon fejn esponew:

[7] A fol. 11 tal-process.

1. Peress illi l-konvenuti rikonvenzjonanti kienu taw kuntratt t'appalt lill-attur rikonvenzjonat u li accetta ghall-manifattura ta' diversi twieqi u bibien li kellhom jigu installati fil-fond 'Il-Hnejja', 6, Sqaq San Guzepp, Zurrieq.

2. U peress illi dan il-fond huwa post antik illi kien gie konvertit u li l-konvenuti konvenzjonanti kienu xtraw u akkwistaw bl-iskop li juzawh bhala r-residenza unika taghhom.

3. U peress li l-ftehim bejn il-partijiet kien illi dan l-appalt kellu jigi kompletat bl-installazzjonijiet kollha rikjesti minnhom sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Dicembru 2008.

4. Illi fil-frattemp l-konvenuti rikonvenzjonanti kienu qed jghixu f'post mikri f'Hal Safi b'kera ta' €186.35 fix-xahar.

5. Illi l-attur rikonvenzjonat naqas milli jadempixxi l-obbligu tieghu li jikkompleta l-appalt entro t-terminu pattwit tant illi l-konvenuti rikonvenzjonati kellhom ikomplu jikru l-fond fuq imsemmi sal-ahhar ta' Mejju, 2009, sabiex b'hekk inkorrew danni li jammontaw ghas-somma ta' €931.75, rapprezentanti hames xhur kera bir-rata mensili ta` €186.35.

6. Illi di piu anke meta l-konvenuti rikonvenzjonanti dahlu jabitaw fil-fond "Il-Hnejja", 6, Sqaq San Guzepp, Zurrieq, l-attur rikonvenzjonat kien ghandu ma ikkompletax l-appalt lilu moghti tant illi bosta aperturi kellhom jigu maghluqa b'folji tal-*cardboard*[8], li gew mixtrija appozitament mill-istess konvenuti rikonvenzjonati bi spiza ta' €107.21.

7. Illi ghaldaqstant, l-konvenuti rikonvenzjonati, minhabba l-inadempjenza tar-rikorrent rikonvenzjonat, inkorrew danni fis-somma komplessiva ta' €1,038.96, konsistenti, in kwantu fis-somma ta' €931.75 rapprezenanti hames (5) xhur kera bir-rata mensili ta' €186.35 u in kwantu ghas-somma ta' €107.21 rapprezentanti l-ispejjez tal-folji tal-*cardboard* mixtrija biex jinghalqu provizorjament l-aperturi li ghalihom ir-rikorrent rikonvenzjonat naqas milli jikkompleta l-bibien relattivi.

[8] A fol. 19-21 tal-process, immarkata bhala Dok 'F', 'G' u 'H' rispetvament.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-konvenuti talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi r-rikorrent rikonvenzjat ikkawza danni lill-konvenuti rikonvenzjonanti minhabba in-nuqqas tieghu li jikkompleta l-appalt lilu moghti entro t-terminu pattwit;

2. Tiddikjara illi d-danni kawzati mill-attur rikonvenzjonat lil konvenuti rikonvenzjonanti jammontaw fis-somma komplessiva ta` elf u tmienja u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€1,038.96), konsistenti in kwantu fis-somma ta' €931.75 hames (5) xhur kera ta' post alternattiv bir-rata mensili ta' €186.35 u in kwantu ghas-somma ta' €107.21, rapprezentanti l-ispejjez tal-folji tal-*cardboard* mixtrija biex jinghalqu provizorjament l-aperturi li ghalihom l-attur rikonvenzjat naqas milli jikkompleta l-bibien relattivi; u

3. Tikkundana lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti l-imsemmija somma ta' elf u tmienja u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€1,038.96) rapprezentanti d-danni minnu lilhom ikkawzati.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur rikonvenzjonat.

Rat ir-risposta rikonvenzjonali[9] tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti, fejn eccepixxa:

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonati hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi fl-ewwel lok, il-ftehim finalment pattwit bejn il-partijiet kien biss li jsiru xi aperturi u mhux l-aperturi kollha fir-residenza tal-konvenuti rikonvenzjonati;

---

[9] A fol. 26 tal-process, datata 28 ta' Jannar, 2011.

3. Illi l-eccipjenti qatt ma kien accetta li x-xoghol jitlesta sa' Dicembru 2008 u fil-fatt meta nghata l-appalt l-eccipjenti kien mal-ewwel widbu li ma huwiex ser ikun lesta sa Dicembru 2008, izda l-konvenuti xorta kienu kuntenti bih;

4. Illi fit-tielet lok, bla pregudizzju ghal premess l-konvenuti rikonvenzjonati kienu accettaw kompletament ix-xoghol maghmul mill-attur minghajr l-ebda riserva tant li huma qatt ma rriklamaw dawn l-allegati danni u kienet biss wara li nbdew dawn il-proceduri li resqu dawn l-allegazzjonijiet. Fil-fatt huma kienu offrew lill-attur s-somma ta' 10301 Euro, minghajr riserva;

5. Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-konvenuti eccipjenti qatt ma widdbu lill-attur jew b'xi mod avvzaw li sejrin jixtru xi folji ta' cardboard jew materjal iehor sabiex jaghlqu l-aperturi provvizorjament;

6. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghal premess, il-fatt li l-konvenuti ghazlu li jghixu f'xi appartament mikri kienet ix-xelta taghhom u kompletament indipendenti mill-appalt moghti lill-attur;

7. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghal premess, kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kaz, ir-rikonvenzjonanti Falzon ma setghux jidhlu fil-fond, peresss li kellhom hafna aktar xogholijiet (li ma kienux responsabbilita ta' l-attur) li kienu ghadhom ma tlestewx sa Mejju;

8. Ghaldaqstant it-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikonvenzjonati.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Din il-kawza titratta hlas ta' xoghol ta' appalt ta' aperturi tal-injam. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrivolvi principalment dwar versjonijiet differenti dwar id-data meta kellu jitlesta dan l-appalt u jekk il-prezz miftiehem kienx jinkludi l-VAT jew le.

1. F'Awwissu 2008, il-konvenuti inkarigaw lill-attur biex jahdmilhom numru ta' aperturi tal-injam fil-fond li kienu xtraw u qed jirrinovaw.

2. L-attur tahom quotation datata 28 t'Awwissu 2008 ghal 21 bicca xoghol tal-injam ghall-ammont ta' €12, 112.79.

3. Sussegwentement, il-konvenuti accettaw, pero naqsu n-numru ta' bibien, u l-ammont nizel ghal €9527.00, u taw lill-attur l-ewwel hlas akkont ta' €3030.00 fil-bidu t'Ottubru 2008.

4. Skond il-konvenut dan l-ammont ta' €9527.00 kien jinkludi l-VAT, u hu u martu insistew mal-attur li x-xoghol kellu jitlesta sa Dicembru 2008. Min-naha l-ohra, kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ezebew fattura datata 3 t'Ottubru 2008 mahruga mill-attur ghall-istess ammont, li fuq il-parti ta' fuq taghha hemm il-kliem *"VAT ... ... excluded"*. Inoltre, f'din il-fattura hemm imnizzel hekk: *'1. Naturali, 2. Danish Oil, 3. Cappetti u spanjoletti mhux kollha nkluzi fil-prezz, 4. minghajr hgieg.'* Dan id-dokument gie pprezentat mill-attur u anke mill-konvenuti.[10] Fuq il-fattura m'hemmx indikata d-data meta x-xoghol kellu jkun lest.

5. L-attur jghid li hu ta lill-konvenuti din il-fattura meta tawh l-ewwel depozitu. Huwa jghid ukoll li meta l-konvenuti ikkonfermaw l-ordni u hu hareg il-fattura f'Ottubru 2008, huma ma ftehmux data meta kellu jlesti x-xoghol, pero ghal habta ta' Gunju 2009 ftehmu li kellu jlesti x-xoghol sal-ahhar ta' Novembru, 2009[11]. Bhala fatt ix-xoghol tlesta lejn il-bidu ta' Dicembru, 2009.

[10] A fol. 35 tal-process (Dok E) u a fol. 56
[11] Ara fol. 95-96 u 101-102 tal-process.

6. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li meta l-attur mar biex jixtri l-injam, hu xtara njam ta' kwalita superjuri ghal dik miftiehma. Pero fil-waqt li l-attur jghid li qabel xtara hu informa lill-attur, li jekk jixtri l-injam ta' kwalita superjuri, l-prezz kien jghola xi ftit, u l-konvenut qallu li lest ihallas id-differenza fil-prezz, il-konvenut jghid li l-attur qallu li ma kienx se jzommlu flus ghad-differenza fil-prezz li kien hemm.

7. Mill-provi migbura jirrizulta li l-attur u l-konvenut kienu hbieb, u li l-konvenut kien imur xi tlett darbiet fil-gimgha fil-*workshop* tal-attur biex joqghdu jitkellmu.

8. Mhux kontestat li l-attur wahhal l-aperturi fi tlett darbiet:
   i. fl-4/5 ta' April, 2009;
   ii. f'Gunju/Lulju, 2009;
   iii. fil-5 ta' Dicembru, 2009[12].

   L-attur xehed li huwa ma ghamilx l-ahhar konsenja sa l-ahhar ta' Novembru 2009 kif pattwit, ghaliex il-konvenut ma setghax ikun prezenti fid-dati precedenti li fihom ried jaghmel it-tielet konsenja. Inoltre, huwa jghid li l-konvenut qallu biex ma jahdimx bieb li kien ordna, u allura dan il-bieb ma giex konsenjat lilu.

9. F'xi wahda mill-ewwel zewg konsenji, l-konvenut kien qal lill-attur li martu riditu jiffirma karta biex torbtu b'terminu ta' zmien, pero l-attur qallu – '*jien mhux ha niffirma karti ghidtlu*'[13].

10. Il-konvenut jghid li minhabba d-dewmien tal-attur biex ilesti l-appalt, hu u martu kellhom jestendu l-kirja tal-post fejn kienu qed jghixu u meta ma setghux jibqu jikru, dahlu fir-residenza taghhom fiz-Zurrieq bla aperturi tal-injam, u dahlu wkoll fi spejjez biex jinbarraw l-aperturi li kienu ghadhom ma twahhlux.

11. Mhux kontestat li l-konvenuti hallsu lill-attur l-ammont totali ta' €7005.00, permezz diversi pagamenti akkont tal-prezz finali.

[12] A fol. 35 tal-process.
[13] A fol. 101 tal-process.

12. Meta lesta x-xoghol, l-attur kien hareg il-kont finali, izda l-konvenuti ma qablux fuq l-ammonti pendenti u kienu lesti li jhallsuh biss €1,301 ghas-saldu, meta l-attur kien qed jippretendi bilanc ta' €3, 614.95.[14]

13. Ghalhekk l-attur intavola dawn il-proceduri, fejn qed jitlob is-somma ta' €3, 959.85.

14. Min-naha l-ohra, il-konvenuti ntavolaw kontro-talba fejn talbu danni ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-appalt.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fil-kawza odjerna, l-attur qed jippretendi s-segwenti ammonti:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Xoghol | €8,478.92 |
| 2. | VAT | €1,526.21 |
| 3. | Spejjez u hlasijiet | € 659.72 |
| 4. | Zjieda fuq injam | € 300.00 |
| 5. | Pagamenti | €7,005.00 |
| | Bilanc | €3,959.85[15] |

L-ewwel kontestazzjoni tal-konvenuti huwa li l-prezz miftiehem kien diga jinkludi l-VAT, u allura l-attur ma jistghax jerga' jippretendi hlas ulterjuri fuq l-ammont miftiehem ghal VAT.

Mill-fattura datata 3 ta' Ottubru 2008, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-prezz miftiehem ghall-appalt ma kienx jinkludi l-element ta' VAT, u din il-fattura tghid dan il-fatt car u tond.

Fl-affidavit tieghu, l-konvenut jghid li ghalkemm din il-fattura hija datata 3 ta' Ottubru 2008, l-attur kien tahielu wara li huwa kien ghamel it-tieni pagament akkont fi Frar 2009. Apparti li ma tantx hu verosimili li l-konvenut ghamel pagament sostanzjali akkont f'Ottubru 2008, u ma

[14] Ara fol. 15 u 16 tal-process.
[15] A fol. 2 tal-process immarkat bhala Dok 'A'.

talabx ircevuta, anke jekk wiehed kellu jaccetta *a bocca baciata* l-verzjoni tal-konvenut, xorta jibqa' l-fatt li fi Frar 2009 – u cioe qabel kienet saret l-ewwel konsenja tax-xoghol – il-konvenut sar jaf li fuq il-fattura kien hemm indikat li l-VAT hu eskluz. Fl-affidavit tieghu, l-konvenut imkien ma jghid li huwa oggezzjona mal-attur li zied il-VAT, meta skond hu l-VAT kien gia inkluz fil-prezz. Wisq inqas jirrizulta, li l-konvenut ezercita d-dritt li kellu bhala appaltatur, li ladarba inqala' dan id-disgwid dwar il-VAT, huwa jittermina l-appalt ai termini tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant, il-Qorti hija moralment konvinta li l-konvenut kien ben konsapevoli li l-prezz miftiehem mal-attur kien jeskludi l-VAT. Konsegwentement, l-attur huwa gustifikat li jzid il-VAT mal-prezz miftiehem mal-konvenuti.

Hemm ukoll kontestazzjoni dwar l-ammont ta' €300 li l-attur zied mal-prezz, rapprezentanti d-differenza fil-prezz bejn l-injam li hu ftiehem mal-konvenut li kien se jixtri, u l-injam ta' kwalita ahjar li effettivament spicca xtara. Mhux kontestat li l-attur xtara u uza injam ta' kwalita ahjar minn dak pattwit meta gie miftiehem il-prezz tal-appalt mal-konvenut, u dan bl-approvazzjoni tal-konvenut. Il-kontestazzjoni hi jekk l-attur verament qalx lill-konvenut, li jekk jaghzel li jixtri l-injam ta' kwalita superjuri, hu ma kienx ser izidlu l-prezz miftiehem. Fuq bazi ta' probabilita, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-verzjoni tal-attur ghandha aktar mis-sewwa. Huwa normali li ladarba l-konvenut ghazel li juza materjal ta' kwalita' ahjar u li jiswa aktar fil-prezz, id-differenza fil-prezz ma kienx se jbatiha l-attur, izda kien se jhallas ghaliha l-konvenut. Konsegwentement, iz-zieda tas-somma ta' €300.00 – li del resto hija wahda ragonevoli, tenut kont tal-entita tax-xoghol tal-appalt involut – hija gustifikata.

L-attur qed jitlob ukoll l-ammont ta' €659.72 ghal spejjez u hlasijiet ta' affarijiet li jew kienu espressament eskluzi fil-fattura tat-3 ta' Ottubru 2008, kif fuq inghad, jew ta' affarijiet li l-attur xtara lill-konvenut sabiex dan tal-ahhar juzahom ghalih personali, u li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kuntratt tal-appalt. Dawn l-affarijiet jinsabu indikati fl-elenku li ghamel l-attur.[16] Ghalkemm l-attur isemmihom fix-xhieda tieghu, pero ma pprezenta l-ebda ricevuti biex jiggustifikahom.

Inoltre, huwa rilevanti li fl-ittri legali skambjati bejn il-partijiet (li kienu minghajr il-kliem '*minghajr pregudizzju*') qabel giet intavolata din il-kawza, l-ammont pretiz mill-attur kien ta'

[16] Ara fol. 39 tal-process.

€3,614.96[17] li huwa inqas minn dak pretiz fil-kawza odjerna u cioe is-somma ta' €3,955.85.[18] Id-differenza hija ta' €384.89. Matul dawn il-proceduri, l-attur ma ghamel l-ebda tenttativ biex jipprova jiggustifika d-differenza bejn il-bilanc tal-prezz minnu pretiz qabel giet intavolata din il-kawza, u l-ammont minnu pretiz f'din il-kawza, u dan minkejja l-fatt li wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti hi li ma jistghax jitlob somma ikbar minn dik li talab qabel intavola dawn il-proceduri.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut jghid li l-attur qallu li *"ghad irid jahdem il-kont biex izid xi differenzi zghar (ghal xi zejt, tavlun tal-gewz u cappetti extra). Ahna ghidnielu li mhux problema u li konna se nistennew il-kont*".[19] Ghalhekk, apparti l-fatt li l-fattura stess tghid li certu spejjez kienu eskluzi mill-prezz, il-konvenuti accettaw li mal-prezz kellu jizdied ammont iehor zghir ghal xi affarijiet extra li kienu inxtraw.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti, ma tarax li jkun gust li l-attur jithallas izjed minn dak li ippretenda qabel l-intavolar ta' dawn il-proceduri, u dan minghajr ma jiggustifika b'xi mod iz-zieda fil-prezz minnu pretiz. Il-Qorti tikkunsidra li jkun ekwu li mill-ammont ta' €659.72 li l-attur qed jippretendi bhala spejjez, ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €384.89, li hija d-differenza bejn l-ammont pretiz mill-attur qabel il-ftuh ta' din il-kawza u dak pretiz f'din il-kawza. Dan jirriduci l-ammont pretiz ghall-ispejjez ghal €274.83. Tenut kont tar-rendikont li pprezenta l-attur u tax-xhieda tieghu dwar l-affarijiet li xtara in konnessjoni mal-appalt li ma kienux inkluzi fil-prezz pattwit, u l-affarijiet li xehed li xtara personalment ghall-attur, liema xhieda ma gietx kontradetta, il-Qorti tqis li l-ammont ta' €274.83 huwa wiehed ragonevoli u gustifikat.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, t-talba tal-attur ghandha tigi ridotta ghas-somma ta' €3,614.96.

Min-naha l-ohra l-konvenuti ghamlu kontro-talba ghall-ammont ta' €1,038.96 ghad-danni li allegatament soffrew, minhabba li l-attur allegatament kien tardiv fl-ezekuzzjoni tal-mandat.

---

[17] A fol. 15 u 16 tal-process immarkat bhala Dok 'B' u 'C'.
[18] A fol. 1 tal-process.
[19] A fol. 54 tal-process, para. 1.

Mill-provi akkwiziti jirrizulta car li meta sar il-ftehim tal-appalt, l-attur ma riedx jintrabat b'terminu sa meta se jezegwixxi l-appalt. Fil-fatt fil-fattura fuq imsemmija ma hemm specifikat l-ebda terminu. Jirrizulta wkoll li l-attur kien jaf lill-konvenuti sew, u ghalkemm kienu kellmuh biex ihabbrek fuq ix-xoghol taghhom, ma riedx jiffirma karti biex ma jintrabatx biz-zmien.[20] Mhux kontestat li l-attur ikkonsenja lill-konvenuti tnax (12)-il bicca xoghol ta' aperturi tal-injam, li ma jistghax jitqies inkarigu zghir, specjalment meta wiehed jikkonsidra li mill-provi jirrizulta li l-attur hu mastrudaxxa jahdem wahdu ghal rasu, u m'ghandux assistenti.

L-Artikolu 1130(2) tal-Kodici Civili jippreskrivi illi:

*" (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien, bla ħsara, għal dawk li huma mgħaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-dispożizzjonijiet ta ' dak l-artikolu.*

*(2) Jekk fil-ftehim ma jkun ġie stabbilit ebda żmien, jew jekk iż-żmien ikun jagħlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tiegħu ma jiġix imqiegħed in mora ħlief wara li jiġi msejjaħ b'att ġudizzjarju."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Charles Portelli vs Joseph Darmanin**, deciza fl-20 ta' Jannar 1959, il-Qorti tal-Kummerc[21] irriteniet illi:

*"Skond il-ligi taghna, meta konvenzjoni ma tiffissax terminu ghall-adempiment taghha, semplici ritard tad-debitur, ghalkemm prolungat jista' jkun dan ir-ritard, mhux bizzejjed biex id-debitur jigi dikjarat inadempjenti; imma jehtieg li jkun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tieghu ghal dak l-effett b'interpellazzjoni permezz ta' att gudizzjarju da parti tal-kreditur. ... ...*

*Illi ghalhekk jekk il-konvenut Borg qal lill-attur Charles Portelli meta ghamillu l-ordni li l-konvenuti kellhom bzonn l-ghodda mill-aktar fis, u jigi ritenut li dan jammonta ghall-istipulazzjoni tal-klawsola "as soon as possible", klawsola li izda ma tiffigurax fl-imsemmi dokument kontrattanti l-ordinazzjoni, ic-cirkostanzi jibqghu l-istess, il-ghaliex din il-klawsola*

[20] A fol. 101.
[21] *Per* Imhallef Tancred Gouder

*ma timpurtax fissazzjoni ta' terminu, u l-konvenzjoni li ghaliha tigi addetta dik il-klawsola tibqa' dejjem konvenzjoni minghajr terminu. F'liema kaz, meta jghaddi terminu ragonevoli, il-kreditur ghandu dritt jikkostitwixxi d-debitur in mora, salv lit-tribunal li jiddecidi, wara din il-kostituzzjoni in mora, jekk t-terminu li jkun ghadda kienx sufficjenti ghall-adempiment tal-obligazzjoni, u jekk il-kostituzzjoni in mora kienetx jew le fondata, f'kaz ta' kontestazzjoni bejn il-kontraenti. (Koll. Vol. XXIV-I-1116 Cilia vs Wismayer".*

Fis-sentenza **John Fenech vs Napoleone Grech**, deciza fit-30 ta' Mejju 1961, il-Qorti tal-Kummerc[22] irriteniet illi meta ma jigix stipulat terminu li fih l-appaltatur ghandu jezegwixxi l-appalt, huwa jista' jezegwih f'kull zmien, sakemm ma jigix kostitwit in mora b'att gudizzjarju dirett lill-appaltatur, li bih lil dan jigi intimat l-adempiment tal-obligazzjoni tieghu. Il-fatt li l-appaltatur jigi mwissi bil-fomm li jekk ma jlestix sa certu zmien, l-appaltant ixolji l-appalt, ma jiswiex minflok din il-kostituzzjoni in mora.

Kif diga inghad, fil-kaz odjern mill-provi jirrizulta li ma kienx hemm terminu specifikat dwar meta kellu jitlesta x-xoghol, oltre il-fatt li l-istess attur qatt ma tpogga in mora. Inoltre l-konvenuti qatt ma infurmaw lill-attur dwar l-ispejjez li kienu qed jinkorru, u dan minkejja li l-konvenut kien imur ta' spiss fil-workshop tal-attur, u dan kif anke konfermat mix-xhud Kaptan Massimo Cachia, li fis-sena 2009 kien ukoll ikun ta' spiss fil-workshop tal-attur.

Mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuti qatt interpellaw lill-attur b'ittra gudizzjarja sabiex ilesti l-appalt. Inoltre, jirrizulta li wara li tlestew ix-xogholijiet, il-konvenuti offrew lill-attur ghal diversi drabi is-somma ta' €1,1301, u dan minghajr ebda riserva. Huwa biss wara li ircivew ir-rikors promotur tal-attur, li huma allegaw ghall-ewwel darba li sofrew danni, u ghalhekk intavolaw il-kontro-talba.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom jistghu jigu milqugha.

[22] *Per* Imhallef Tancred Gouder.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tilqa' it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet fir-risposta rikonvenzjonali tal-attur, u konsegwentement tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti fit-totalita taghhom;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti;

3. Konsegwentement tilqa' limitatament it-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef, sitt mija u erbatax-il Euro u sitta u disghin centezmu (€3,614.96), bl-imghax skond il-ligi.

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, u cioe kemm dawk konnessi mat-talba originali kif ukoll dawk konnessi mal-kontro-talba, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**